MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 141/2006

Kawza fil-lista: 3

**A sive A B kif debitament assistita minn C B fil-kwalita' tieghu ta' kuratur ta' A sive A B inabilitata permezz ta' digriet numru 546/2002**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati b' digriet tat-12 ta' Mejju 2006 bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat minn A B li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-kontendenti zzewgu fid-19 ta’ Dicembru 2002 kif jindika c-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. A, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Illi permezz ta’ digriet numru 546/2002 moghti mill-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili nhar it-tnejn (2) ta’ April tas-sena elfejn u tnejn (2002) (Dok. B) l-attrici giet inabilitata milli taghmel “atti anke/mhux ta’ semplici amministrazzjoni” minghajr l-assistenza ta’ huha C B.

Illi ciononostante sussegwentement l-attrici minghajr il-kunsens tal-kuratur taghha C B zzewget lill-konvenut D E fid-dsatax (19) ta’ dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002).

Illi ghaldaqstant jigi rrilevat bir-rispett illi z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null peress illi, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-proceduri odjerni, l-attrici kienet inkapaci milli tizzewweg minhabba mard tal-mohh, u dan ai termini tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null peress illi l-istess zwieg gie ccelebrat minghajr l-assistenza tal-kuratur C B u ghaldaqstant bi ksur tad-digriet numru 546/2002 fuq imsemmi, stante illi l-attrici kienet giet inabilitata permezz ta’ l-istess digriet milli taghmel kwalunkwe att kemm ta’ semplici amministrazzjoni u kif ukoll ta’ amministrazzjoni straordinarja minghajr tali assistenza.

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null peress illi l-attrici ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-attrici li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat minhabba l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att

taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta’ l-attrici A B.

Ghaldaqstant a bazi tar-ragunijiet fuq premessi l-attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fid-dsatax (19) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal- Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna li din in-nullita’ taz-zwieg fuq imsemmi tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha eccepew li huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz; u rrizieryaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta, u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw ma’ l-assenti minnhom rappresentat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;
Illi permezz ta l-azzjoni odjerna r-rikorrenti qeda titlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat ma’ l-assenti fis-19 ta’ Dicembru 2002 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens taghha jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Mill-provi rrizulta li r-rikorrenti A B, wara li kienet giet inabilitata permezz ta' digriet numru 546/2002 moghti fit-2 ta' April 2002, u ad insaputa ta' huha C B nominat kuratur taghha, ikkuntrattat zwieg ma' l-assenti fis-19 ta' Dicembru 2002, persuna ta' nazzjonalita' Libjana, wara li kienet ilha tafu biss ftit xhur. Wara tlett xhur ta' konvivenza li matulhom ir-rikorrenti kienet giet imsawwta u sfruttata finanzjarjament, zewgha telaq u ma regax gie lura. Tfal minn dan iz-zwieg ma kienx hemm, u l-attrici tghid li zewgha qatt ma ried tfal.

Mill-premess jikkonfiguraw b' mod lampanti l-*capita nullitatis* kontemplati fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] u tal-paragrafu [h] da parti ta' l-attrici; u dak kontemplat fil-paragrafu [f] da parti ta' l-assenti. Barra minnhekk jikkonfigura dak kontemplat fl-Artikolu 4 tal-kap.255 fil-konfront ta' l-attrici.

Irrizulta car mill-provi li r-rikorrenti ma setghetx tikkuntratta zwieg validu, kemm minhabba d-digriet fuq citat, kif ukoll u kif setghet tosserva din il-Qorti hija kellha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar l-import tal-hajja matrimonjali.

Inoltre, fil-konfront ta' l-assenti zewgha, jirrizulta car li dana zzewweg lir-rikorrenti biex jinqeda biha, u ma kellu ebda hsieb li jghix maghha l-hajja konjugali bl-obbligi li din timporta. Jigi osservat li, ghalkemm l-assenti esternament ghadda minn cerimonja ta' zwieg validu, internament b' att posittiv tal-volonta' tieghu eskluda mhux biss l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, izda iz-zwieg fih innifsu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Illi rigward il-kap ta' l-ispejjez il-Qorti tirrileva li, tenut kont tal-mala fede li biha mexa u agixxa l-assenti D E fil-konfront tar-rikorrenti, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati minnu.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-19 ta’ Dicembru 2002.

L-ispejjez jkunu a kariku ta’ l-assenti, izda dawk relattivi ghal kuraturi deputati ghandhom provvisorjament jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------